IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2025
COM(2025) 52 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE

{SWD(2025) 40 final}

1. INTRODUZZJONI

L-iżmantellar tal-bastimenti jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija ċirkolari peress li jwassal għar-riutilizzazzjoni, għat-tħejjija għar-riutilizzazzjoni, u għar-riċiklaġġ ta' ammonti kbar ta' riżorsi siewja (b'mod partikolari azzar ta' kwalità għolja, li tipikament jifforma bejn 75 % u 85 % tal-piż ta' bastiment, kif ukoll metalli u tagħmir oħrajn). Madankollu, il-bastimenti fihom ukoll ammonti kbar ta' materjali perikoluż bħall-asbestos, il-poliklorobifenili (PCBs, Polychlorinated Biphenyls), il-metalli tqal, iż-żejt, il-merkurju, is-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (ODS, Ozone-Depleting Substances). Dawn is-sustanzi, jekk ma jiġux ittrattati, imneħħija u mormija b'mod sikur u ambjentalment korrett, joħolqu riskji sinifikanti kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għall-ambjent.

L-għan tar-Regolament tal-UE dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti (l-SRR (Ship Recycling Regulation) jew ir-Regolament)[1] huwa li jipprevjeni, inaqqas u jelimina l-effetti avversi tar-riċiklaġġ tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. Qabel ma ġie adottat l-SRR, 95 % tal-volum ta' bastimenti kbar li jtajru l-bandiera tal-UE u li huma proprjetà tal-UE ġew żmantellati barra mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development)[2], l-aktar fl-Asja t'Isfel (l-Indja, il-Bangladesh u l-Pakistan) bl-użu tal-metodu fejn bastiment jittella' fuq ix-xtajta.

L-SRR jilħaq l-għan tiegħu bi tliet objettivi speċifiċi: (i) l-iżgurar li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jiġu żmantellati f'faċilitajiet sikuri u ambjentalment korretti, (ii) l-iżgurar tal-ġestjoni xierqa ta' materjali perikoluż fuq il-bastimenti, u (iii) l-iffaċilitar tar-ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent tal-2009 tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Hong Kong)[3]. L-SRR fih dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-Konvenzjoni ta' Hong Kong, inkluż rekwiżit għas-sidien ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE biex jiżguraw li l-bastimenti tagħhom jiġu riċiklati biss f'faċilitajiet elenkati mill-Kummissjoni bħala li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-SRR dwar il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. L-SRR ikopri bastimenti tal-baħar b'aktar minn 500 tunnellaġġ gross[4].

L-SRR jinkludi klawżola ta' rieżami li jirrikjedi lill-Kummissjoni, 5 snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament[5], "*tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkompanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex tiżgura li l-objettivi tiegħu jkunu qed jintlaħqu u l-impatt tiegħu żgurat u ġustifikat*". F'konformità ma' din il-klawżola, il-Kummissjoni nediet proċess ta' evalwazzjoni għall-SRR[6]. Dan ir-rapport, akkumpanjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament, huwa r-riżultat ta' dan il-proċess. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tressaq proposta għal reviżjoni sussegwenti tar-

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32013R1257

[2] Valutazzjoni tal-Impatt 2012. 74 % fl-Indja, fil-Pakistan u fil-Bangladesh, 22 % fiċ-Ċina, abbażi ta' Tunnellaġġ Gross, data mill-2009.

[3] Il-Konvenzjoni ta' Hong Kong se tidħol fis-seħħ f'Ġunju 2025.

[4] Il-kamp ta' applikazzjoni huwa simili għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong. Dan jeskludi bastimenti tal-gwerra, bastimenti oħrajn fuq servizz tal-gvern mhux kummerċjali u bastimenti li tul il-ħajja tagħhom joperaw biss f'ilmijiet soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera tiegħu.

[5] Id-data ġenerali tal-applikazzjoni tal-SRR hija l-31.12.2018, kif speċifikat fl-Artikolu 32(1), il-punt (b), jiġifieri sal-31.12.2023.

[6] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13377-EU-Ship-Recycling-Regulation-evaluation_mt

Regolament, appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt f'konformità mal-Linji Gwida u s-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni[7].

2. METODOLOĠIJA

Ir-rapport u l-evalwazzjoni li takkumpanjah huma bbażati fuq konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Dan kien jinkludi konsultazzjoni pubblika, stħarriġ immirat u intervisti (mal-partijiet ikkonċernati esperti u mal-Istati Membri), workshop tal-partijiet ikkonċernati u diskussjoni fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti. Ikkontribwew firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, Non-Governmental Organizations) u organizzazzjonijiet tar-riċerka, partijiet ikkonċernati tal-industrija u assoċjazzjonijiet tagħhom (eż. sidien tal-bastimenti u kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti, faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti, industriji tal-azzar), soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, impriżi ta' konsulenza u istituzzjonijiet finanzjarji. Ir-rieżamijiet tal-letteratura, il-bażijiet tad-data u t-testi legali ntużaw ukoll b'mod estensiv biex jinġabru għarfien espert u informazzjoni addizzjonali.

Dan ir-rapport huwa bbażat ukoll fuq ir-rapporti tal-Istati Membri meħtieġa skont l-Artikolu 21(2) tal-SRR li jkopru l-ewwel perjodu ta' rapportar triennali mill-2019 sal-2022. L-Anness IX tal-evalwazzjoni jagħmel disponibbli l-kontenut tar-rapport għall-2019–2022 u jipprovdi sommarju, f'konformità mat-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 21.

L-evalwazzjoni twettqet f'konformità mal-prinċipji u l-metodoloġija ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea, bl-użu tal-ħames kriterji stabbiliti tagħha: l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Il-kuntratturi esterni wettqu studju ta' sostenn għar-rapport ta' evalwazzjoni.

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni huma prinċipalment ir-riżultat ta' approċċ kwalitattiv, minħabba n-nuqqas ta' data kwantitattiva komprensiva dwar il-benefiċċji u l-kostijiet. Id-data kwantitattiva dwar l-impatt tal-SRR fuq is-saħħa tal-ħaddiema u dwar it-tniġġis tal-ambjenti kostali u tal-baħar hija limitata minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tas-settur tar-riċiklaġġ tal-bastimenti. Ħafna drabi jkun hemm ukoll nuqqas ta' data speċifika dwar tarzni individwali li tkopri l-perjodu qabel l-applikazzjoni tagħhom u ma jkunx faċli li l-impatt tal-SRR jiġi sseparat mill-impatt ta' diversi fatturi esterni. Għalhekk, ikunu meħtieġa obbligi ta' rapportar aktar effettivi akkumpanjati minn metodoloġija u indikaturi armonizzati biex titwettaq evalwazzjoni aktar ikkwantifikata tal-SRR.

Il-perjodu ta' evalwazzjoni jibda minn Jannar 2013 u jintemm f'Diċembru 2023. Peress li l-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti tal-SRR bdew japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2018, Diċembru 2018 intuża bħala l-punt tat-tqabbil ewlieni. L-evalwazzjoni tkopri l-Istati Membri u l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll l-impatt tal-SRR fuq il-prattiki tar-riċiklaġġ tal-bastimenti f'pajjiżi mhux tal-UE.

3. SEJBIET TAL-EVALWAZZJONI

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni juru li l-SRR fil-biċċa l-kbira laħaq l-objettivi kollha tiegħu meta mqabbla ma' dak li seta' kien mistenni li kieku l-UE ma wettqitx intervent f'din iż-żona. Madankollu, l-effettività tar-Regolament ġiet imminata b'mod sinifikanti permezz tal-prattika

[7] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

tas-sidien tal-bastimenti li jibdlu l-bandiera tal-bastiment minn bandiera ta' Stat Membru għal bandiera ta' pajjiż terz ftit qabel ma l-bastiment jiġi rriċiklat u, sa ċertu punt, permezz ta' infurzar dgħajjef tal-miżuri relatati mal-inventarju ta' materjali perikoluż. Dan ir-rapport jiddeskrivi s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni u jissuġġerixxi oqsma fejn jista' jsir titjib.

3.1. EFFETTIVITÀ

L-ewwel objettiv: L-iżgurar li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jiġu żmantellati f'faċilitajiet sikuri u ambjentalment korretti

L-objettiv operazzjonali ewlieni tal-SRR huwa li meta ma jkunux għadhom jintużaw, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jiġu żmantellati f'faċilitajiet li huma approvati mill-UE u li jinsabu fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Sabiex tkun fuq din il-lista, faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti trid tissodisfa r-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza tal-SRR. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jridu jivverifikaw li dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, u, jekk ikunu ssodisfati, jgħidu lill-Kummissjoni li l-faċilità inkwistjoni għandha tiġi elenkata. Il-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti f'pajjiżi terzi jridu jissottomettu applikazzjoni lill-Kummissjoni sabiex jitqiegħdu fuq il-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Il-Kummissjoni tivvaluta kif dawn il-faċilitajiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-SRR, inkluż permezz ta' verifiki fuq il-post, qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex tpoġġihom fil-lista jew le. L-ewwel Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti ġiet adottata f'Diċembru 2016, bi 18-il faċilità fl-UE inklużi fiha. Fi tmiem il-perjodu ta' evalwazzjoni, it-12-il edizzjoni tal-lista[8] kien fiha 45 faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti, fosthom 35 faċilità fl-Ewropa (l-UE, in-Norveġja u r-Renju Unit), 9 fit-Turkija u 1 fl-Istati Uniti. Qegħdin jiġu vvalutati applikazzjonijiet minn faċilitajiet oħrajn, b'mod partikolari mill-Indja.

B'mod ġenerali, l-inklużjoni ta' dawn il-faċilitajiet fil-Lista Ewropea, u l-prospett li l-applikanti jinkitbu fiha, flimkien mal-mekkaniżmi ta' kontroll b'sorveljanza indipendenti, ikkontribwew għal standards ambjentali u soċjali ogħla fil-prattiki tar-riċiklaġġ tal-bastimenti. Ir-rapporti minn aktar minn 55 spezzjoni mill-Kummissjoni ta' 25 faċilità madwar id-dinja huma sors siewi ta' informazzjoni[9] f'dak ir-rigward, b'mod partikolari dwar il-mitigazzjoni tal-esternalitajiet li jaffettwaw l-industrija. Il-Lista Ewropea hija wkoll punt ta' referenza għal prattiki ta' riċiklaġġ tal-bastimenti sostenibbli fl-UE u barra minnha.

Madankollu, l-effettività tal-SRR ġiet imminata b'mod konsiderevoli mill-prattika tal-kumpaniji tal-UE li jibdlu l-bandiera tal-bastimenti ftit qabel ma jiġu riċiklati. Dawn il-bastimenti li jibdlu l-bandiera ma għadhomx soġġetti għall-SRR u jistgħu jiġu riċiklati fi kwalunkwe post, ladarba jsiru skart barra mill-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn jiġu żmantellati fl-Asja t'Isfel. Fl-2023, filwaqt li s-sehem tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE kien ta' madwar 13 % tal-flotta dinjija totali, il-perċentwal tal-bastimenti li ma għadhomx jintużaw li kellhom bandiera tal-UE fiż-żmien tar-riċiklaġġ kien anqas minn 7 %, meta mqabbel mal-għadd ta' bastimenti riċiklati madwar id-dinja.

Il-fattur ewlieni determinanti għall-kumpaniji tat-tbaħħir biex jagħżlu faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti huwa l-prezz li toffri faċilità għall-iżmantellar tal-bastimenti tagħhom. Il-faċilitajiet tal-prezzijiet fl-Asja t'Isfel kienu konsistentement ogħla milli fil-bqija tad-dinja minħabba (i) in-nuqqas ta' internalizzazzjoni tal-kostijiet ambjentali u soċjali (esternalitajiet) tal-prattiki ta' riċiklaġġ tal-bastimenti f'dawn il-faċilitajiet, u (ii) il-kapaċità tagħhom li joffru

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202302726
[9] https://environment.ec.europa.eu/topics/waste-and-recycling/ships/site-inspection-reports_mt

prezzijiet għoljin għar-ruttam tal-azzar, minħabba d-domanda qawwija mis-settur tal-kostruzzjoni tagħhom u l-użu tar-rilaminazzjoni għall-ipproċessar tar-ruttam tal-azzar, li huwa irħas minn forom oħrajn ta' riċiklaġġ tal-azzar li ġeneralment jintużaw f'postijiet oħra.

F'dan il-kuntest, minkejja l-għarfien akbar tar-responsabbiltà soċjali u ambjentali u l-fatt li l-Lista Ewropea tipprovdi kapaċità suffiċjenti biex tittratta bastimenti li ma għadhomx jintużaw li jtajru bandiera tal-UE, ħafna bastimenti li huma proprjetà ta' kumpaniji tat-tbaħħir tal-UE ma jiġux żmantellati f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li huma fil-Lista Ewropea. Minħabba l-bdil tal-bandiera eżatt qabel ir-riċiklaġġ, ta' spiss ikun impossibbli li jiġu infurzati d-dispożizzjonijiet tal-SRR dwar l-obbligu tas-sidien tal-bastimenti li l-bastiment jiġi żmantellat f'faċilità fuq il-Lista Ewropea.

It-tieni objettiv: l-iżgurar tal-ġestjoni xierqa tal-materjali perikoluż fuq il-bastimenti

Il-kumpaniji tat-tbaħħir huma meħtieġa jistabbilixxu inventarju ta' materjali perikoluż għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom. Il-kwalità u l-kompletezza tal-inventarju huma essenzjali sabiex jiġu żgurati prattiki ta' żmantellar sikuri u sostenibbli. Madankollu, id-data rrapportata fuq bażi volontarja matul il-perjodu 2021–2023 dwar l-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port relatati mal-SRR li vverifikaw l-inventarju ta' materjali perikoluż turi li 45 % tal-bastimenti spezzjonati ma kinux jikkonformaw mal-SRR u li, fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet, ma kienx jeżisti ċertifikat ta' inventarju, jew l-ekwivalenti tiegħu, għal bastimenti li jtajru bandiera ta' pajjiż terz. Madankollu, iċ-ċertifikat bl-inventarju ta' materjali perikoluż ġeneralment ikun disponibbli fl-istadju tar-riċiklaġġ, meta dawn jingħataw lill-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti biex ikun aktar faċli li l-bastiment ikkonċernat jiġi żmantellat. Madankollu, il-kwalità u l-kompletezza tal-inventarji tal-materjali perikoluż spiss ma jkunux biżżejjed. Għalhekk, huwa ġeneralment rikonoxxut li jeħtieġ ikunu aktar affidabbli.

It-tielet objettiv: l-iffaċilitar tar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong

L-evalwazzjoni turi li l-SRR ta kontribut pożittiv għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong. L-għadd minimu ta' ratifiki biex jiġi skattat id-dħul fis-seħħ tiegħu ntlaħaq fl-2023, bi kważi 50 % minnhom mill-Istati Membri. Minbarra dak li turi l-analiżi taċ-ċifri tar-ratifika, huwa ċar li għal ħafna snin l-SRR kien l-uniku strument legali internazzjonali li jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għar-riċiklaġġ tal-bastimenti u li kien parametru referenzjarju importanti użat minn ħafna partijiet ikkonċernati u awtoritajiet barra mill-UE.

3.2. EFFIĊJENZA

Abbażi tal-opinjonijiet u d-data miksuba mill-istħarriġ u mill-intervisti li saru, il-kostijiet tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-SRR huma ġeneralment meqjusa bħala baxxi għal moderati matul il-perjodu ta' evalwazzjoni. Sar titjib tanġibbli fil-faċilitajiet elenkati fl-UE, sabiex dawn ikunu jistgħu joperaw f'konformità mar-rekwiżiti tal-SRR, u għalhekk huwa raġonevoli li wieħed jemmen li l-SRR irriżulta f'impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq l-ambjent. In-nuqqas ta' linja bażi ċara ta' x'kien iseħħ fin-nuqqas tal-SRR u d-disponibbiltà limitata ta' data kwantitattiva jfissru li mhuwiex possibbli li ssir analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji u monetizzazzjoni kwantifikati bis-sħiħ, bir-riżultat li l-konklużjonijiet ġenerali pożittivi dwar l-effiċjenza jkunu bbażati l-aktar fuq data kwalitattiva.

Il-kostijiet moderati huma attribwiti għall-awtorizzazzjonijiet tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-Istati Membri u għall-istħarriġiet tal-bastimenti. Il-kostijiet assoċjati mal-kontrolli tal-Istat tal-port relatati mal-SRR huma meqjusin baxxi. Madankollu, sabiex dawn il-kontrolli jkunu effettivi, diversi Stati Membri tal-UE qalu li kienu meħtieġa aktar riżorsi, aktar gwida speċifika u aktar għodod ta' investigazzjoni. Il-kostijiet ivarjaw minn Stat Membru tal-UE għal ieħor, l-ewwel nett skont l-importanza tat-tbaħħir u tar-riċiklaġġ tal-

bastimenti fl-Istat Membru inkwistjoni, iżda wkoll skont prattiki u setgħat ta' infurzar differenti, kif ukoll skont ir-riżorsi allokati għall-infurzar tal-SRR. Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ f'pajjiżi terzi jirrapportaw kostijiet għoljin għat-titjib tal-infrastruttura u l-prattiki tagħhom biex jiġu konformi mal-SRR u biex dawn jitqiegħdu fil-Lista Ewropea. Madankollu, il-fatt li jkunu fuq il-lista tagħtihom benefiċċji għar-reputazzjoni li jwasslu għal impatt pożittiv fuq id-dħul u l-investimenti. Għas-sidien tal-bastimenti, l-inventarji tal-kostijiet relatati mal-materjali perikolużi jvarjaw skont il-bastiment u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, iżda jibqgħu negliġibbli. L-impatt ekonomiku negattiv tal-SRR fuq is-sidien tal-bastimenti, marbut mat-telf tad-dħul mill-bejgħ ta' bastimenti li ma jkunux għadhom jintużaw lil faċilitajiet elenkati fl-UE ma mmaterjalizzax kif kien mistenni fiż-żmien li ġie adottat l-SRR, b'mod partikolari minħabba li kienu qed jevitawh. Għall-istess raġuni, l-SRR ma biddilx l-iżvantaġġi kompetittivi tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-UE, peress li s-sehem tal-UE fis-suq tar-riċiklaġġ baqa' limitat.

L-SRR għandu għadd limitat ta' obbligi ta' rapportar, li kollha ġew analizzati u nstabu li kienu ġeneralment proporzjonati. Qegħdin isiru sforzi biex jitnaqqsu l-kostijiet tar-rapportar, pereżempju, biex jiġu żgurati sinerġiji tar-rapportar mal-Konvenzjoni ta' Hong Kong f'konformità mal-"prinċipju ta' darba biss". Mod kif jitnaqqas il-piż amministrattiv ikun li jiżdied il-perjodu ta' validità tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (li bħalissa huwa 5 snin, u jista' jiġġedded wara dan).

3.3. KOERENZA

B'mod ġenerali, l-SRR jitqies internament koerenti u konsistenti. Madankollu, l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ksur tiegħu huma diffiċli minħabba n-natura globali u t-trasparenza limitata tal-operazzjonijiet tat-tbaħħir u tar-riċiklaġġ, katina tal-provvista kumplessa li tinvolvi diversi partijiet ikkonċernati u intermedjarji u l-fatt li bastiment jista' jibdel il-bandiera faċilment. Dan jagħmilha diffiċli li jiġi identifikat bastiment maħsub għar-riċiklaġġ, biex jiġi traċċat il-vjaġġ tiegħu u biex dawk li verament jieħdu d-deċiżjonijiet jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, u dan jagħmel l-affarijiet diffiċli għall-awtoritajiet tal-infurzar. Il-proċess biex jiġi ddeterminat liema Regolament japplika minħabba l-istatus legali doppju ta' bastiment li ma jkunx għadu jintuża bħala skart perikoluż kif ukoll bħala bastiment jista' jkun problematiku wkoll. F'dan ir-rigward, il-koerenza bejn l-SRR u r-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart[10], li t-tnejn li huma jistgħu japplikaw għall-bastimenti li ma għadhomx jintużaw skont iċ-ċirkostanzi, xi drabi titqies li toħloq konfużjoni wkoll.

Barra minn hekk, għalkemm l-SRR huwa fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Hong Kong, peress li jimplimentaha fid-dritt tal-UE, xi awtoritajiet pubbliċi u l-industrija tat-tbaħħir jinsabu mħassba dwar id-diffikultajiet ta' implimentazzjoni li se jinqalgħu ladarba ż-żewġ oqfsa jkunu fis-seħħ. Is-sidien tal-bastimenti u l-awtoritajiet pubbliċi jindikaw ukoll inkonsistenzi legali bejn il-Konvenzjoni ta' Hong Kong u l-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Barra l-Konfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, li jeħtieġ jiġu indirizzati fil-fora internazzjonali rilevanti.

3.4. VALUR MIŻJUD TAL-UE

Fin-nuqqas ta' strument globali operazzjonali ddedikat li jindirizza l-problemi tar-riċiklaġġ tal-bastimenti fil-livell internazzjonali, maġġoranza kbira ta' parteċipanti fil-proċess ta'

[10] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32024R1157.

konsultazzjoni kienu tal-fehma li l-SRR ipprovda qafas tal-UE tant meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong fl-UE.

Argumenti dwar liema livell ta' leġiżlazzjoni (tal-UE jew internazzjonali) huwa l-aktar xieraq għall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti jvarjaw fost il-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija tat-tbaħħir u xi Stati Membri tal-UE jemmnu li jkun indirizzat aħjar fil-livell internazzjonali permezz tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong, u dan jissottolinja l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi globalment. Min-naħa l-oħra, l-argumenti favur it-tkomplija tal-ħidma fuq dan fil-livell tal-UE jindikaw il-livell ogħla ta' ambizzjoni u skrutinju tal-SRR meta mqabbel mal-Konvenzjoni ta' Hong Kong. Dawn huma appoġġati b'mod partikolari mill-NGOs, mit-trade unions u mill-assoċjazzjonijiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti.

Dawn il-partijiet ikkonċernati jappoġġaw b'mod unanimu reviżjoni possibbli tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong wara li tidħol fis-seħħ, fejn l-UE għandha tippromwovi l-istandards ogħla tagħha fil-livell tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' rekwiżiti ogħla tas-saħħa u dawk ambjentali u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi aktar b'saħħithom ta' monitoraġġ u kontroll, li jinkludu skrutinju indipendenti tal-konformità tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mar-rekwiżiti adegwati tas-sikurezza ambjentali u dik tal-ħaddiema.

3.5. RILEVANZA

Is-suq tar-riċiklaġġ tal-bastimenti huwa mistenni li jikber b'mod sostanzjali fil-futur qrib. Għalhekk, il-ħtieġa li jiġu żgurati prattiki ta' żmantellar sikuri u sostenibbli, kif ukoll il-ġestjoni u l-identifikazzjoni xierqa ta' materjali perikoluż abbord il-bastimenti, se tibqa' rilevanti.

Ir-rilevanza tal-SRR għandha tiġi vvalutata wkoll fid-dawl tal-politika tal-UE u tal-pajsaġġi regolatorji li evolvew b'mod konsiderevoli mill-adozzjoni tiegħu. Billi jiffoka fuq il-ġestjoni u l-ħżin ambjentalment korrett ta' materjali u skart perikoluż, li jwassal għal aktar effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi permezz tar-riċiklaġġ tal-materjali (b'mod partikolari r-ruttam tal-azzar), l-SRR huwa konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, il-Komunikazzjoni dwar Ekonomija Blu Sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika skont it-tassonomija tal-UE.

Madankollu, il-partijiet ikkonċernati ġeneralment jemmnu li l-SRR ma jikkontribwix biżżejjed għall-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-iżgurar ta' industrija tal-azzar tal-UE kompetittiva, u li għandu l-potenzjal li jkollu rwol akbar fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tat-tbaħħir. Żieda fir-riċiklaġġ tal-bastimenti fl-UE, b'użu ogħla korrispondenti tar-ruttam tal-azzar mir-riċiklaġġ tal-bastimenti, tista' tipprovdi provvista kostanti ta' ruttam ta' kwalità għolja, li l-industrija tal-azzar tal-UE tista' tuża bħala materja prima biex tilħaq l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħha. Dawn l-aspetti huma ta' rilevanza partikolari fil-kuntest tal-Patt għal Industrija Nadifa, l-Istrateġija dwar l-Industrija Marittima u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Azzar li ġejjin. Fl-aħħar, xi partijiet ikkonċernati jemmnu li l-SRR ma jintegrax biżżejjed l-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja fir-riċiklaġġ tal-bastimenti, permezz ta' disinn min-nieqa san-nieqa u passaport komprensiv tal-materjali għal kull bastiment.

4. TAGĦLIMIET MEĦUDA

Minħabba li l-effettività tal-SRR qiegħda tiġi mminata b'mod konsiderevoli mill-bdil tal-bandieri, għandu jitqies kif għandha tiġi indirizzata din il-problema sabiex id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-SRR ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv. Dan huwa kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv ewlieni attwali tal-SRR li jiġi żgurat li bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jiġu żmantellati f'faċilitajiet sikuri u ambjentalment korretti. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi ċċarat kif jiġi ddeterminat li bastiment huwa destinat biex jiġi rriċiklat jew biex isir skart, minn naħa waħda, u min huwa s-sid responsabbli, min-naħa l-oħra, meta jitqies ir-rwol li għandhom ix-xerrejja bi flus kontanti fil-kummerċ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw. Għandhom imbagħad jitqiesu mekkaniżmi xierqa biex jipprevjenu lis-sidien ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE milli jevitaw l-obbligi tagħhom li dawn il-bastimenti jiġu riċiklati f'faċilitajiet elenkati fl-UE. Jistgħu jitqiesu għażliet differenti f'dak ir-rigward. Waħda minnhom tista' tkun li titkompla l-ħidma fuq l-iżvilupp ta' inċentiv finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 29 tal-SRR. Dan jista' jieħu l-forma ta' liċenzja għar-riċiklaġġ tal-bastimenti għall-bastimenti kollha li jidħlu f'port tal-UE, li jitnaqqas id-distakk fid-dħul bejn l-iżmantellar f'faċilitajiet elenkati fl-UE u f'faċilitajiet li ma joperawx b'mod sikur u ambjentalment korrett. Għażla oħra tista' tkun li jiġi applikat il-kunċett ta' "sid benefiċjarju" ta' bastiment, minflok is-sid reġistrat marbut ma' bandiera ta' pajjiż. Iż-żewġ ideat taw lok għal fehmiet polarizzati fost il-partijiet ikkonċernati. L-impatt ta' tali miżuri sensittivi taħt l-SRR jistħoqqlu analiżi ddedikata f'kuntest ieħor.

Il-possibbiltà li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-SRR, titqies mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-bastimenti u minn xi Stati Membri tal-UE bħala pass promettenti possibbli lejn standards globali aktar ambizzjużi u armonizzati għar-riċiklaġġ tal-bastimenti.

Fl-istess ħin, jista' jitqies ukoll li jiġu ċċarati l-istandards tal-SRR biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-faċilitajiet tal-UE. Dan jista' jinvolvi, pereżempju, l-iżvilupp ta' kriterji addizzjonali u/jew aktar speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-iskart u tal-irkupru tal-azzar, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tat-tniġġis effettivi u l-użu ta' teknoloġiji u metodi aktar nodfa tal-iżmantellar u tar-riċiklaġġ.

L-evalwazzjoni turi li l-SRR u l-Lista Ewropea tiegħu kienu effettivi biex jiżguraw li jkun hemm kapaċità suffiċjenti għall-iżmantellar tal-bastimenti fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu (inklużi l-bastimenti li biddlu l-bandiera fis-sena ta' qabel l-iżmantellar). Madankollu, tikkonkludi wkoll li l-kapaċità jeħtieġ tibqa' tikber biex tkun tista' tissodisfa d-domanda għar-riċiklaġġ tal-bastimenti li hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti matul l-10 snin li ġejjin.

Sabiex ikun hemm inventarji aktar kwalitattivi u affidabbli ta' materjali perikoluż, għandu jitqies kif tista' tissaħħaħ il-katina tar-responsabbiltajiet kollha: mill-kwalifiki tal-esperti li jippreparaw inventarji ta' materjali perikoluż u mill-mod kif tinkiseb id-Dikjarazzjoni tal-Materjali u d-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Fornituri għal għodod ta' gwida u investigazzjoni metodoloġiċi li huma meħtieġa għat-twettiq ta' kontrolli effettivi skont l-SRR.

Sabiex l-SRR jiġi infurzat kif xieraq, l-Istati Membri kollha tal-UE għandu jkollhom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-penali għall-ksur tiegħu u jiżguraw li l-penali jkunu severi biżżejjed biex jiskoraġġixxu n-nonkonformità. L-interazzjoni tal-SRR ma' strumenti legali oħrajn jeħtieġ tiġi ċċarata wkoll. Sabiex jiġi evitat li jkun hemm piż amministrattiv bla bżonn

ladarba l-Konvenzjoni ta' Hong Kong tidħol fis-seħħ, għandu jitqies kif għandhom jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar jew ta' ċertifikazzjoni li jirriżultaw mill-eżistenza konġunta tal-SRR u tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong.

Fl-aħħar nett, kwalunkwe reviżjoni futura tista' tivvaluta ulterjorment l-opportunità li l-SRR isir aktar rilevanti għall-ambizzjonijiet tal-UE f'termini tal-kompetittività, ir-reżiljenza u n-newtralità klimatika tal-UE, inkluż permezz tal-użu effiċjenti u ċirkolari tar-riżorsi.